# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 909/18/1 GM**

**Mahmoud Chehade, bin-numru tal-Karta tal-Identità maħruġa mill-United Nations Relief and Work Agency for Palestine Refugees in the Near East (UMRWA) 32015404**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Mahmoud Chehade minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar, 2020, li biha ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kontrih,

u dan wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni tal-attur saret wara t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Settembru, 2018, l-attur qal li nhar is-27 ta' Marzu, 2017 huwa mar japplika għall-protezzjoni internazzjonali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, iżda b'rakkomandazzjoni tat-22 ta' Novembru, 2017, dik l-applikazzjoni ġiet meqjusa mill-Kummissarju għar-Rifuġjati bħala waħda inammissibbli taħt l-**Artikolu 24(2)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**.

3. Issokta billi jgħid, li dik l-istess rakkomandazzjoni ġiet imbagħad riferuta lill-President tal-Bord tal-Appelli għar-Rifuġjati skont il-proċedura aċċellerata kif misjuba fl-**Artikolu 23 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**. B'deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru, 2017, il-Bord ikkonferma li l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali kienet waħda inammissibbli, u dan għall-istess raġunijiet li ngħataw mill-Kummissarju. Ilmenta li l-Bord wasal għal dik id-deċiżjoni mingħajr lanqas biss talbu biex jidher quddiemu, jew inkella mqar tah ċans li jressaq xi sottomissjonijiet jew dokumenti.

4. F'dan il-kuntest, l-attur irrefera għal xi artikoli tad-**Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju, 2013**, u argumenta li b'dik id-Direttiva, l-Istat Malti huwa obbligat li jiżgura li jipprovdi lil nies bħalu, rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, sabiex ikunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom.

5. Saħaq li fil-każ tiegħu, il-Bord naqas milli jwettaq *«eżami sħiħ u ex nunc ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi»* kif mitlub fid-Direttiva, u ilmenta li minħabba f'hekk huwa ġie mċaħħad mill-jedd li jkollu rimedju effettiv fil-konfront tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju li biha qies l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu bħala waħda inammissibbli. Żied ukoll li dan kollu ġara b'konsegwenza diretta tat-traspożizzjoni ħażina tad-Direttiva fil-liġi Maltija.

6. Fid-dawl ta' dan kollu, l-attur talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1.Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikoli 35 u 46(1)(a)(ii) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni);*
>
> *2. Tiddikjara illi tali għemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;*
>
> *3. Tiddikjara illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 46(1)(a)(ii) huma ta' natura li għandhom effett dirett fil-liġi Maltija;*
>
> *4. Konsegwentement tiddikjara li kawża ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett ir-rikorrent ma setax jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li għamel mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati;*

*5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent;*

*6. Tordna dawk il-miżuri li l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma xierqa sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tar-rikorrent, inkluż il-possibiltà li jeżerċita d-dritt għal rimedju effettiv fil-konfront tar-rakkommandazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.»*

7. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti laqgħu għal din il-kawża billi qajmu bosta eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmu mill-konvenuti kien hemm dik li taqra hekk:

*«3. Illi in linea preliminari wkoll, ġaladarba it-talbiet 1, 2, 3 u 4 tal-attur jikkonsistu f'talba għal dikjarazzjoni illi għemil amministrattiv imur kontra l-liġi u huwa null, invalidu u bla effett dak li qiegħed jittenta jagħmel l-attur huwa propju stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għaldaqstant inkwantu t-talbiet attriċi jirrigwardaw stħarriġ tal-validità tar-rakkomandazzjoni tat-22 ta' Novembru 2017 tal-Kummissarju għar-Rifuġjati u d-deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru, 2017, tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, l-azzjoni attriċi li ġiet intavolata fit-12 ta' Settembru 2018 hija pależament fuori termine t-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur stabbilit fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kap 12** u għalhekk dina l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali.»*

8. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2020, l-Ewwel Qorti laqgħet din it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u minħabba f'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontrih.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*«It-tielet eċċezzjoni hi li ġaladarba din hija azzjoni taħt l-**Art. 469A 1(b)(iv) tal-Kap 12**, saret fuori termine abbażi tal-**Art. 469A(3)**. Għal din l-eċċezzjoni, l-attur qiegħed jilqa' billi jsostni li l-kawża mhix skont*

*l-Art. 469A. Billi fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u waqt it-trattazzjoni bil-fomm, il-partijiet ikkonċentraw fuq it-tielet eċċezzjoni, l-Qorti sejra tikkunsidra t-tielet eċċezzjoni qabel l-ewwel u t-tieni waħda; anke għaliex jekk tintlaqa', ikun superfluwu li tikkunsidra ż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija;*

*Illi kif ġa ngħad, l-attur jilqa' għat-tielet eċċezzjoni billi jisħaq li bl-azzjoni minnu mressqa, mhux qiegħed jattakka għemil amministrattiv imma qiegħed jattakka l-liġi li in forza tagħha sar dak l-għemil. Speċifikament li fil-liġi Maltija saret traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 2013/32/UE; u li allura din il-Qorti għandha l-obbligu li tinterpreta l-liġi nazzjonali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u twarrab l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li tmur kontra d-direttiva. Isostni li allura mhumiex applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Art 469A. In sostenn ta' dan jiċċita sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet* ***Vodafone Malta Ltd. v. Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni u l-Avukat Ġenerali*** *(deċiża fit-18 ta' Ġunju, 2013); każ li wkoll jittratta kunflitt bejn il-liġi Maltija u Direttiva tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa tagħha, l-Qorti straħet, fl-imsemmija sentenza, fuq l-awtorità tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Attard v. Ellul Micallef*** *(deċiża fl-4 ta' Marzu 1998). Il-konvenuti jirreplikaw li dawn is-sentenzi jirrigwardaw impunjazzjoni ta' leġislazzjoni sussidjarja, u mhux għemil amministrattiv. Il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq it-talbiet kif proposti fir-rikors promotur; u dawn jikkonsistu f'talbiet għall-infiċjar ta' għemil amministrattiv;*

*Illi huwa minnu li l-Qorti trid toqgħod rigorożament għall-parametri tal-kwistjoni mpoġġija quddiemha permezz tal-azzjoni tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Tant li jekk ma tagħmilx hekk, u tiddisponi ultra petita jew extra petita s-sentenza tista' tiġi attakkata permezz ta' appell jew ritrattazzjoni. Dan għaliex sententia debet esse conformis libello;*

*Illi fil-kawża suċċitata* ***Vodafone Malta Ltd. v. Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni et****, dak li kien qiegħed jiġi attakkat fl-att promotur kienet id-****Direttiva numru 2 tat-2005****, maħruġa taħt ir-****Regolament 13 tal-A.L. 412/2004*** *u l-****Art. 34 tal-Kap 399****. Direttiva applikabbli erga omnes u anke għalhekk ta' natura leġislattiva. Fil-kawża l-oħra,* ***Ellul v. Micallef****, in-natura ta' dak li kien qiegħed jiġi attakkat kienet inqas ċara, għaliex l-attur talab in-nullità ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-Università billi kkontesta l-validità tal-kriterji li fuqhom il-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu li ma jammettihx għall-kors tal-mediċina, għaliex ma kinux awtorizzati li jsiru mil-liġi. B'danakollu l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li dak li kien qiegħed jiġi attakkat ma kinitx id-deċiżjoni tal-Bord fiha nfisha imma l-validità tal-liġi li, in forza tagħha, ittieħdet dik id-deċiżjoni – u għalhekk il-kawża ma kinitx saret in forza tal-Art. 469A tal-Kap 12;*

*Illi fil-każ preżenti, l-attur, għalkemm f'waħda mill-premessi jallega li saret trasposizzjoni inkorretta tad-Direttiva msemmija, ma jagħmilx talba biex din it-trasposizzjoni tiġi ddikjarata nulla. Fl-ewwel talba jitlob*

*dikjarazzjoni li l-għemil amministrattiv imur kontra l-**Art. 35** u **46(1)(a)(ii) tad-Direttiva**; fit-tieni talba jitlob li l-għemil jiġi ddikjarat null, invalidu u bla effett; fit-tielet talba jitlob dikjarazzjoni li d-Direttiva għandha effett dirett fil-liġi Maltija; fir-raba' talba jitlob dikjarazzjoni li minħabba l-għemil amministrattiv null, ma setax jeżerċita l-jeddijiet tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali; fil-ħames talba talab il-likwidazzjoni tad-danni u fis-sitt talba talab li l-Qorti tordna li jittieħdu l-miżuri opportuni biex tiġi rimedjata l-qagħda tiegħu. Huwa ċar għalhekk li l-attur ma huwa qiegħed jitlob it-tħassir tal-ebda liġi li permezz tagħha saret it-traspożizzjoni tad-Direttiva; anzi qiegħed jitlob dikjarazzjoni li d-Direttiva għandha effett dirett fil-liġi Maltija; u li l-għemil amministrattiv jitħassar proprju għaliex sar bi ksur ta' dik id-Direttiva. Ċertament għalhekk it-talbiet tiegħu huma differenti minn dawk magħmula fil-kawża **Vodafone Malta Ltd. v. Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni et.** – fejn it-talbiet kienu esklussivament għal tħassir ta' att leġislattiv – u minn dawk ta' **Ellul v. Micallef**, fejn fiċ-ċitazzjoni, intalab li jitħassru r-regolamenti (meqjusa bħala att leġislattiv) u konsegwenzjalment għat-tħassir tal-att amministrattiv maħruġ in forza tal-istess regolamenti. Għall-kuntrarju, dak li qiegħed jitlob l-attur jinkwadra ruħu għalkollox u esklussivament entro l-parametri tal-Art. 469A tal-Kap 12;*

*Illi m'hemm l-ebda dubbju li din il-kawża ġiet istitwita wara l-għeluq tal-perjodu ta' sitt xhur rikjest mill-**Art. 469A(3) tal-Kap 12**;*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.»*

10. L-attur Mahmoud Chehade appella minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellati u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

11. Il-konvenuti appellati wieġbu għal dan l-appell fil-5 ta' Marzu, 2020 u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-attur.

12. Inżamm smigħ fl-14 ta' Marzu, 2024, li għalih deher biss l-avukat tal-konvenuti appellati u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza tal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-appellant qiegħed jikkritika s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' tliet aggravji, li minħabba r-rabta li hemm bejniethom, ser ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa flimkien.

14. Tassew, l-ilmenti kollha tal-appellant iduru madwar l-istess kwistjoni, u sewwasew li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li l-azzjoni tiegħu hija waħda għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

15. L-appellant qiegħed isejjaħ in-natura tal-azzjoni tiegħu bħala waħda *«sui generis»,* u f'dan ir-rigward jargumenta li l-Ewwel Qorti setgħet tisma' l-kawża bis-setgħat mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

16. Skont l-appellant, it-terminu perentorju ta' sitt xhur kif misjub fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma

kellux għalhekk isib applikazzjoni għall-każ tiegħu u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti appellati kellha b'konsegwenza tiġi miċħuda.

17. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti appellati jisħqu li l-azzjoni tal-attur appellant taqa' għalkollox fil-parametri tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Isostnu li l-appellant qiegħed jipprova jagħmel dak kollu li jista' biex jagħti bixra differenti lill-azzjoni tiegħu, sabiex b'hekk jipprova jaħrab mill-effetti tat-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur.

18. Meqjus li l-kwistjoni ewlenija li trid tiġi deċiża f'dan l-appell iddur madwar l-għerq tal-azzjoni tal-attur, il-Qorti titlaq billi tosserva li dak li jgħodd fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, mhuwiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħażin, jippruvaw jagħtu lill-kawża (ara f'dan is-sens ***Carmel sive Charles Caruana et v. Onor Prim Ministru Dr. Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).

19. Minflok, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara ***Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited,*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Tassew, ingħad ħafna drabi, li huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu

jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara ***Anthony Busuttil et v. Jennifer sive Wendy Busuttil et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Jannar, 2024).

20. Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-għan u l-oġġett tal-kawża, li minnhom imbagħad tkun tista' tinstilet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur (ara ***Vincent Ciappara et v. Nazzareno sive Reno Bartolo et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).

21. Ta' min jgħid li dan kollu huwa konsegwenza tal-fatt, li fis-sistema legali tagħna, huwa mħolli għalkollox f'idejn il-parti attriċi li tagħżel ix-xorta ta' azzjoni li jidhrilha li għandha tressaq sabiex tħares il-jeddijiet li tippretendi li jkollha (ara ***Adrian Theuma v. RLR Limited***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024). Mhuwiex għalhekk fil-kompitu tal-parti konvenuta li tipprova tiddetta x'tip ta' azzjoni kellu jniedi l-attur (ara ***Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024).

22. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti sejra tkun qiegħda għalhekk titlaq billi qabel xejn tixħet ħarsitha fuq dak li tniżżel mill-attur appellant fir-rikors maħluf li bih huwa beda din il-kawża.

23. Fil-fehma tal-Qorti, il-premessi tar-rikors maħluf huma ċari. Aktar

milli qiegħed jattakka d-deċiżjoni fil-mertu tal-Kummissarju għar-Rifuġjati[1], l-attur qiegħed jilmenta dwar il-mod awtomatiku li bih il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati[2], qabad u stħarreġ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju dwar l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni tiegħu skont il-proċedura aċċellerata fl-**Artikolu 23 tal-Att Dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**. B'mod partikolari l-appellant qiegħed jilmenta li bit-tħaddim ta' dik il-proċedura, il-Bord lanqas biss talbu biex jidher quddiemu, jew minn tal-inqas tah ċans li jressaq xi sottomissjonijiet, inkella dokumenti.

24. F'dan l-isfond, l-attur qiegħed jallega li d-**Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju, 2013**, tagħtih il-jedd li jkollu rimedju effettiv kontra r-rakkomandazzjoni tal-Kumissarju dwar l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni tiegħu. F'dan il-qafas, l-attur qiegħed jargumenta li huwa ġie mċaħħad minn dak il-jedd, anke għaliex il-Gvern Malti ma ttrasponiex sewwa dik id-Direttiva fil-liġi Maltija.

25. Minn titwila lejn it-talbiet tal-attur, ikompli mbagħad joħroġ, kif b'din il-kawża, l-attur mhuwiex qiegħed ifittex it-tħassir tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, iżda qiegħed jilmenta biss mill-proċess, li bih, il-Bord qabad u stħarreġ dik ir-rakkomandazzjoni, b'mod awtomatiku,

---

[1] Illum il-ġurnata xogħol il-Kummissarju għar-Rifuġjati beda jitwettaq mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali.
[2] Illum il-ġurnata msejjaħ bħala t-Tribunal tal-Appelli Għall-Protezzjoni Internazzjonali.

b'riħet l-**Artikolu 23(3)** u **(4) tal-Att Dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**, li japplika bi sħiħ għal dawk ix-xorta ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jitqiesu inammissibbli bis-saħħa tal-**Artikolu 24(2)** tal-istess liġi (ara wkoll **paragrafi 23(3)** u **(4) tal-Artikolu 8 tal-Att VII tal-2008**, kif ukoll l-**Artikolu 15(b) tal-Att VI tal-2015**, rispettivament).

26. Tassew, li kieku l-attur appellant kien qiegħed ifittex it-tħassir tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, l-attur ma kienx sejjer fis-sitt talba jitlob lill-Ewwel Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa, fosthom biex ikollu: *«il-possibbiltà li jeżerċita d-dritt għal rimedju effettiv fil-konfront tar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati.»*

27. L-oġġett ewlieni li l-appellant qiegħed jipprova jikseb b'din il-kawża huwa għalhekk li jitħassar il-proċess ta' reviżjoni li twettaq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, li skont l-attur, ċaħdu milli jkun jista' jikkontesta b'mod effettiv ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati dwar l-inammissibiltà tal-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali. Tant hu hekk, li fit-tielet talba, l-appellant talab lill-Qorti sabiex *«tiddikjara li kawża ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrent ma setax jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li għamel mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati»* (l-enfasi huwa tal-Qorti).

28. L-*«għemil amministrattiv»* li qiegħed jirreferi għalih l-appellant, fl-ewwel, fit-tieni, u fir-raba' talbiet tar-rikors maħluf ma huwa għalhekk xejn ħlief il-proċedura ta' reviżjoni '*awtomatika*' li wettaq il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati. Tajjeb li jingħad hawnhekk, li skont il-*proviso* tal-**Artikolu 7(1A)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**, din il-proċedura awtomatika ta' reviżjoni min-naħa tal-Bord hija meqjusa li *«tikkostitwixxi appell»* mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju dwar l-inammissibiltà tal-applikazzjoni tiegħu (ara wkoll l-**Artikolu 4(b) tal-Att XX tal-2017**) u dan minkejja li l-każ ma jiġix quddiem il-Bord permezz ta' rikors jew att li jkun ġie miktub mill-persuna li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet iddikjarata bħala inammissibbli mill-Kummissarju.

29. F'dan il-kwadru kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant għandu tabilħaqq raġun li jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li l-azzjoni tiegħu taqa' *«għalkollox u esklussivament»* fil-parametri tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

30. Jibda billi jingħad li biex ikun jista' japplika l-**Artikolu 469A**, jeħtieġ li qabel xejn l-attur ikun qiegħed jattakka għemil «***li jsir minn awtorità pubblika***» (ara t-tifisira ta' *«għemil amministrattiv»,* fit-**tieni paragrafu tal-Artikolu 469A**).

31. Fiż-żmien li fih inbdiet il-kawża (qabel l-emendi bl-**Att XXI tal-2020**), il-frażi *«awtorità pubblika»* kienet imfissra li tirreferi għall-*«Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi»* (ara l-**Artikolu 201 tal-Att XXIV tal-1995**).

32. Qajla għandu jkun hemm xi dubju li l-Bord tal-Appelli għar-Rifuġjati, bħala bord mogħni b'setgħat kważi-ġudizzjarji u mwaqqaf bil-liġi, ma jistax jitqies li jaqa' fit-tifsira ta' *«awtorità pubblika»* li għadha kif issir referenza għaliha (ara f'dan is-sens ***Bashir Abdilalem Saciid v. Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati*** mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-6 ta' Lulju, 2016).

33. Tassew huwa prinċipju magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' kull xorta ta' għemil li jitwettaq minn xi tribunal jew bord b'setgħat ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, ma jistax isir fil-qafas tal-Artikolu **469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan sewwasew għaliex dawk it-tribunali jew bordijiet ma jaqgħux fit-tifsira ta' *«awtorità pubblika»,* kif misjuba fit-tieni paragrafu tal-istess Artikolu (ara b'eżempju s-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Mohib Abouzidan v. Akram Jrirah*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2022; ***Joseph Genovese v. L-Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020; ***Malta International Airport p.l.c. v. Deborah Bonello*** mogħtija mill-Qorti tal-

Appell fis-26 ta' Jannar, 2018; u ***Direttur Ġenerali tal-Qrati v. Pinu Axiaq*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu, 2006).

34. Naturalment, ġaladarba l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma kellux isib applikazzjoni għall-kawża tal-attur, allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti appellati u tikkonkludi li l-azzjoni tal-attur waqgħet bit-terminu perentorju ta' sitt xhur kif misjub fit-tielet paragrafu tal-**Artikolu 469A(3)** tal-istess Kodiċi. Minflok hija kellha tiċħad din l-eċċezzjoni taħt l-**Artikolu 469A(3)** peress li huwa magħruf fil-ġurisprudenza tagħna li deċiżjonijiet u għemejjel ta' bordijiet kważi-ġudizzjarji jistgħu jiġu mistħarrġa mill-qrati ċivili taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Prim Ministru v. Victor Vella Muskat*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2006).

35. Huwa minnu wkoll li hemm ġurisprudenza li tgħid li dan l-istħarriġ ġudizzjarju li l-Qorti tista' twettaq bis-setgħat residwali mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhuwiex miftuħ fuq kollox, iżda, limitat biss għal tliet kategoriji ta' difetti, *viz*. (i) meta jkun hemm eċċess ta' ġurisdizzjoni; (ii) meta jkun hemm nuqqas ta' ħarsien tal-liġi; u (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' xi wieħed

mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali (ara ***Dottor Vincent Falzon nomine v. Isabelle Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju, 1993 u ***Wilfred Privitera v. Anthony Bonello*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Frar, 1993). Fil-każ tagħna, il-premessi u t-talbiet tar-rikors maħluf issejsu: (i) fuq l-allegazzjonijiet li l-Bord qabad u ddeċieda mingħajr biss ma semgħu; (ii) kif ukoll dwar l-illegalità tad-deċiżjoni tat-Tribunal, billi din ma tteħditx b'ħarsien sħiħ tal-**Artikoli 35 u 46(1)(a)(ii) tad-Direttiva 2013/32/UE**, li għall-attur għandhom japplikaw b'effett dirett fil-liġi Maltija. Minn kif inhuma mfassla dawn il-pretensjonijiet tal-attur, il-Qorti jidhrilha li ma hemm xejn x'seta' jżomm lill-Ewwel Qorti milli tisma' l-kawża bis-setgħat residwi mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

36. Dan jgħodd aktar u aktar, għaliex fi żmien li fih saret il-kawża (u hekk għadu sal-lum fil-każ tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali), il-liġi kienet tagħmilha ċara li d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda finali u konklussiva li minnha ma seta' jsir l-ebda appell jew stħarriġ ieħor (ara **paragrafu 23(4) tal-Artikolu 8 tal-Att VII tal-2008**, illum **l-Artikolu 23(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**).

37. Jixraq ukoll li jingħad, li mal-mixja taż-żminijiet, kien hemm ukoll ħafna sentenzi li fihom, kemm din il-Qorti, kif ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għamluha ċara, li l-għemil tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, jista'

jiġi mistħarreġ bis-saħħa tas-setgħat residwali mogħtija lill-Qrati Ċivili taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fost dawn is-sentenzi wieħed jista' jsemmi: ***Dina Abraham Rekie v. L-Avukat Ġenerali*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Settembru, 2021; ***Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu v. Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016; u ***Saed Salem Saed v. Bord tal-Appelli Dwar ir-Rifuġjati et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2014.

38. L-istess prinċipji ġew imtennija f'każ ieħor, li bħal dak tal-lum, kienet qiegħda ssir talba għat-tħassir ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, u li fih kienet ukoll tqanqlet kwistjoni dwar it-traspożizzjoni ħażina ta' Direttiva fl-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (erġa' ara ***Bashir Abdilalem Saciid v. Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati*** mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-6 ta' Lulju, 2016).

39. Kollox għalhekk juri li l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata mhumiex tajba, għaliex it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti mhijiex siewja.

40. B'danakollu, il-Qorti mhijiex ser tkun qiegħda tilqa' l-appell tal-attur għalkollox, u dan għaliex kif qegħdin jgħidu sewwa l-konvenuti appellati, l-appellant ma jistax jippretendi li b'dan l-appell il-Qorti għandha tiċħad il-

bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tiegħu.

41. Mill-verbali li hemm fl-atti tal-kawża (ara b'mod partikolari il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2018) jidher, li l-uniċi provi li tressqu s'issa fl-atti kienu biss dawk b'rabta mat-tielet eċċezzjoni preliminari, u minħabba f'hekk il-Qorti ma tistax taqbad u tippronunzja ruħha dwar il-mertu tat-talbiet tal-attur mingħajr biss ma tagħti ċans lill-partijiet iressqu kull prova li jidhrilhom li hija rilevanti għal dawk it-talbiet.

42. F'kull każ, fis-sentenza appellata ġiet deċiża biss it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti appellati, u li kieku l-Qorti taqbad u tiddeċiedi l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, inkluż dawk ta' sura preliminari, il-Qorti tkun qiegħda ċċaħħad lill-partijiet, fosthom lill-appellant stess mill-benefiċċju tal-eżami doppju.

43. L-appell tal-attur ser ikun għalhekk qiegħed jiġi milqugħ biss sa fejn l-appellant qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti appellati.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-attur, b'dan illi qiegħda tħassar għalkollox is-

sentenza appellata, u tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

L-ispejjeż kollha marbuta mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u ma' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati li qajmu t-tielet eċċezzjoni li ġiet miċħuda b'din is-sentenza tal-lum.

Il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat minnufih l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun tista' tissokta bis-smigħ tal-kawża skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da